MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru 193/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Zammit**
**Anthony Attard**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Joseph Zammit** ta’ 39 sena, bin Vincent u Filippa *nee’* Farrugia, mwieled Pieta fis17 ta’ Frar, 1967, residenti St. Peter, Flt 4, Triq il-Papa Giovanni XXIII, Mosta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 113667(M), u

**Anthony Attard** ta' 38 sena bin Saviour u Maria Dolores *nee'* Cachia, mwieled fl-Awstralja fit-13 ta' Lulju 1967 residenti Blokk 4, Flat 6, Triq id-Deheb Fin, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 183985M;

Talli fis-26 ta' Frar 2006 ghall-habta tal-11:00 ta' filghodu fi TriqLewis Wettinger, Mellieha kkommettew serq ta' basket minn fuq il-persuna ta' Ursula Ross anzjana ta' tnejn u sittin (62) sena ta' nazzjonalita' Germaniza li kien fih 550 Euro u oggetti ohra personali, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jaccediex l-elf lira Maltin u bil-lok.

Talli fis-26 ta' Frar 2006 ghall-habta tas-1:00 ta' wara nofsinhar fi  Triq Lewis Wettinger, Mellieha kkommettew serq ta' basket minn fuq il-persuna ta' Kelsall Eirlys anzjana ta' erba' u sebghin (74) sena ta' nazzjonalita Brittanika li kien fih 40Euro, Lm90 u oggetti ohra personali, liema serq huwa kkwalfikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin u bil-lok.

Fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom.

U finalment talli saru recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Joseph Zammit wahdu talli fl-istess data u cirkostanzi, kiser il-kundizzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza datata 30 ta' Gunju 2005 moghtija  mill-Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D.

Rat ir-rinviju ghal-gudizzju tal-avukat generali tat-3 t'April 2006 u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fis-26 ta' Frar, 2006 anzjana ta' nazzjonalita' Germaniza ghamlet rapport lill-Pulizija li dakinhar fil-11 ta' filghodu, waqt li kienet miexja lejn Popeye's Village, l-Mellieha, flimkien ma' binha, ghaddiet karozza minn maghha u hatfitilha l-basket. Din il-vettura kienet zghira, ta' mudell qadim izda ma kellhiex numru ta' registrazzjoni. L-ghada kienet mitluba taccedi il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn mitluba tidentifika xi oggetti ma gharfet xejn izda indunat illi fost l-oggetti kien hemm flus fl-istess ammont u denominazzjoni li kellha fil-basket u kif iddeskriviet lill-Pulizija fir-rapport taghha u cioe Euro 550 maghmulha minn hames karti ta' euro 100 u wahda ta' 50 Euro (vide okkorrenza a fol. 46 u 47) Il-vittma imbaghad ittiehdet fil-bitha tal-kwartieri u minn fost vetturi hemm prezenti gharfet il-vettura li kienet intuzat f'dan l-incident.

Bin il-vittma ikkonferma dak kollu li xehdet ommu u gharaf ukoll l-istess vettura sia fil-bitha tal-Kwartieri kif ukoll fir-ritratti esebiti Dok CM1.

Fl-istess jum, izda saghtejn wara, cittadina Brittanika anzjana ghamlet rapport simili mal-Pulizija li waqt li kienu mexjin lejn Popeye's Village hi, zewgha u zewgt ihbieb raw vettura wieqfa li f'salt wiehed bdiet gejja fid-direzzjoni taghhom. F'din il-vettura kien hemm ragel li kien libes nuccali u li hatfilha l-basket u fl-isforz biex tirrezisti dan is-serq, hija waqqghet u garbet dbengil fil-minkeb u fi spallejha. Mitluba taccedi il-Kwartieri Generali, l-vittma identifikat il-basket taghha bil-kontenut kollu kompriz, lighter tas-sigaretti, portafoll, xall. Il-portafoll izda kien vojt hlief ghar-ricevuta ta' bank ghall-kambju ta' flus. Fost l-oggetti li kienet mitluba tidentifika kien hemm ukoll ammont ta' flus fl-istess denominazzjoni u fl-istess ammont li rrapurtat li kien ittihdulha u cioe' disgha karti tal-Lm10, ohra ta' Lm2, u zewg karti tal-Euro 20. Din il-vittma gharfet ukoll il-vettura li intuzat f'dan l-incident u gharfet ukoll lill-imputat Joseph Zammit bhala l-persuna li hatfitilha l-basket u li kien riekeb fil-vettura. Bin il-vittma

ikkonferma dan kollu izda qal li fil-mument tal-agressjoni kull ma setgha jara hu li kien hemm zewg persuni fil-vettura. Huwa gharaf din il-vettura mill-faccata taghha, kontra ghax-xhieda fl-ewwel incident deskrit *supra* li gharfu l-vettura mil-lat posterjuri.

L-indagini tal-Pulizija kienu jikkonsistu filli ordnat tfittxija ghal-vettura deskritta u dakinhar stess kienet intercettata vettura tal-marka u kulur deskritti mix-xhieda hlief ghan-numru tar-registrazzjoni li sa dak il-hin ma kienx maghruf. F’din il-vettura kien hemm zewg persuni li fuqhom instabu l-oggetti formanti parti mill-esebiti f’din il-kawza. Minn ezami tal-vettura rrizulta ukoll illi n-numru tar-registrazzjoni ma kienx imwahhal b’mod fiss izda kien allacjat ma’ mekkanizmu gewwa l-vettura b’mod illi meta jigbed il-firdiferru l-pjanca tan-numru titla’ u jidher li l-vettura dak il-hin tkun minghajr numru ta’ registrazzjoni. Din il-vettura tappartjeni lill-gharusa tal-imputat Attard li qalet li ma kienitx taf x’qed issir mill-istess vettura meta silfitha lill-imputat.

Fl-istqarrija taghhom l-imputati innegaw li kienu serqu l-oggetti misjuba fuqhom. Joseph Zammit jghid li sabu l-oggeti fl-inhawi ta’ Alla W Ommu filwaqt li Attard jghid li sabuhom fl-inhawi tas-Salini.

Ikkunsidrat inoltre illi mill-provi mismugha appena sintetizzati, jirrizulta illi l-prosekuzzjoni ppruvat minghajr ombra ta’ dubju illi l-imputati kienu l-persuni li wettqu dawn is-serqiet. Wiehed minnhom, Joseph Zammit, kien identifikat mix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Dan kien fil-kumpanija ta’ persuna ohra fl-istess vettura li ma hemm l-ebda dubju li intuzat fil-kommissjoni ta’ dawn ir-rejati. Din il-vettura kienet mislufa lil Joseph Zammit li kien intercettat fl-istess vettura, fl-istess jum tas-serqa flimkien ma’ Anthony Attard. L-oggetti misjuba fil-vettura wzata f’din is-serqa kienu jappartjenu liz-zewg vittmi.

Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputati hatja taz-zewg akkuzi aggravi bil-vjolenza, valur u lok. Stante li l-akkuza ta’ ricettazzjoni hija sussidjara ghal-akkuza ta’ serq, l-Qorti ma ssibhomx hatja taghha u tilliberhom mill-istess.

Issibhom hatja ukoll talli huma recedivi kif debitament pruvat mill-prosekuzzjoni skond sentenzi esebiti a fol 117 u 122 tal-process. Ai termini tas-sentenza moghtija fit-30 ta' Gunju 2005 mill-Qorti tal-Magistrati, Joseph Zammit jirrizulta ukoll li kiser il-kundizzjoni imposta fuqu meta kien liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mid-data tal-istess sentenza. Stante li skond l-artikoli tal-avukat generali fir-rinviju ghall-gudizzju Anthony Attard ukoll kellu jwiegeb ghal-ksur tal-Kap 446 u stante li ma ngiebet ebda prova dwar dan, qed tilliberah minnha.

Wara li rat l-artikoli 261(1)(a)(c)(e), 262, 267, 269, 276, 276A, 277, 279 sa 281, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 fil-konfront taz-zewg imputati u 21, 22 u 23 tal-Kap 446 fil-konfront ta' Joseph Zammit;

Wara li rat il-fedina penali taghhom u hadet in konsiderazzjoni ix-xhieda tal-probation officer ta' Joseph Zammit;

Tikkundannhom ghal terminu ta' prigunerija ghal sentejn (2) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputati jikkomettu rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erba (4) snin mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9;

Il-Qorti fissret lill-imputati, l-obbligi taghhon naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------